MINISTERU GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI, L-AMBJENT U TIBDIL FIL-KLIMA

SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-BIEDJA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

*Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura*

MALTA

MINISTRY FOR SUSTAINABLE DEVELOPMENT, THE ENVIRONMENT AND CLIMATE CHANGE

PARLIAMENTARY SECRETARIAT FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

*Department of Fisheries and Aquaculture*

# MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-BORD TAS-SAJD

**Data:** 16/05/2019

**Post:** Kamra tal-Bord, Uffiċji MESDC, Santa Venera

**Ħin:** 09.00 am sal-11.15am

**Minuti miktuba:** Sur Dennis Calleja

**Preżenti kien hemm:**

| Isem u Kunjom | Kariga | Organizzazzjoni |
|---|---|---|
| Sur Joseph Caruana | Segretarju Permanenti | MESDC |
| Sur Randall Caruana | President | Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura |
| Sinjr. Audrey Grima Baldacchino | Viċi-President | Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura |
| Dr Geraldine Spiteri | Osservatur | Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura |
| Sur Dennis Camilleri | Membru | Kummerċjali |
| Dr. Joseph Carabott D'Amato | Membru | Dilettanti |
| Sur Ernest Galea | Membru | Pitkala |
| Sur Joseph Demicoli | Membru | Interessat (Kooperattiva) |
| Sur Paul Piscopo | Membru | Interessat (Kooperattiva) |
| Sur Marco Carabott | Membru | Interessat (Kooperattiva) |
| Sur Martin Caruana | Membru | Interessat (NGO) |
| Sur Duncan Borg | Membru | Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi |

| | | |
|---|---|---|
| Tenent Kurunell James Grech | Membru | Forzi Armati ta' Malta |
| Sur Dennis Calleja | Segretarju | Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura |
| Sur Victor Bonello | Membru | Interessat |

**Assenti kien hemm:**

| Isem u Kunjom | Kariga | Organizzazzjoni |
|---|---|---|
| Sur Vincent Gafà | Membru | Bejjiegħa bl-Imnut |
| Sur Jason Grixti | Membru | Interessat (Kooperattiva) |
| Sur Thomas Bajada | Membru | Interessat |

## 1. INTRODUZZJONI

Is-Sur Randall Caruana fetaħ id-diskursata billi stipula li fl-ewwel sessjoni ta' dan il-bord, wieħed ser ikun qed jiddiskuti b'mod liberu kwalunkwe punt meqjus ta' mportanza, għalhekk l-aġenda ma ġietx iċċirkulata. Meta il-minuti jiġu iċċirkulati, il-membri kollha tal-bord ser jiġu pprovduti b' lista ta' min huma l-membri tal-bord u lil min qed jirrappreżentaw.

## 2. SUĠĠETTI TA' DISKUSSJONI WAQT IL-LAQGĦA

Is-Sur Paul Piscopo beda u qal li wieħed għandu jiddiskuti l-bastimenti tal-irmonk. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima (MESDC) irrisponda li dawn il-kwistjonijiet qed jiġu diskussi internament u dalwaqt se tinstab soluzzjoni. Membru tal-bord talab li wieħed għandu jispjega x'inhi l-funzjoni ta' dan il-bord. Is-Sur Randall Caruana, President tal-Bord tas-Sajd qara l-irwoli u l-funzjonijiet ewlenin tal-istess bord. Is-Sur Marco Carabott talab li fin-nuqqas tiegħu huwa jkun sostitwit minn membru ieħor. Is-Segretarju Permanenti (MESDC) iddikjara li peress li dan il-bord huwa konsultattiv, il-Ministru ntalab jikkunsidra li japprova u jagħti l-permess biex wieħed jiġi sostitwit fin-nuqqas tiegħu. Dan kien

miftiehem mill-membri kollha tal-bord. Wara tweġiba formali mill-Ministru, jekk fl-affermattiv, wieħed imbagħad għandu jissottometti l-ismijiet issuġġeriti.

Is-Sur Paul Piscopo qal li meta jingħataw rimarki ħadd m'għandu joħodha b'mod personali u rrefera għal licenzji tas-sajd "non-operatioal". Is-Segretarju Permanenti (MESDC) qal li qed isir xi ħaġa biex tinbidel il-ligi u li għalissa wieħed għandu jipproċedi b' kawtela peress li s-sitwazzjoni hija kemmxejn sensittiva. Is-Sur Joe Demicoli qal li hu ilu membru tal-Bord tas-Sajd għal bosta snin. Huwa qal li l-baħar qrib Malta inqerd u kompla jgħid li jrid li d-Dipartiment tas-Sajd isir Dipartiment għas-Sajjieda u mhux Dipartiment iffukat fuq kontroll. Is-Segretarju Permanenti (MESDC) qal li sakemm jkun hemm kontroll fisseħħ u r-regolamenti jkunu osservati, wieħed qatt ma jistà jwettaq il-funzjonijiet l-oħra li qed jiġu mitluba mis-Sur Demicoli.

Is-Sur Dennis Camilleri qal li meta jmorru jistadu għal-lampuki jkollhom ħafna problemi mas-sajjieda Tuneżini. Is-Sur Randall Caruana iddikjara li ġew issuġġeriti xi azzjonijiet u proposti lill-*General Fisheries Commission for the Mediterranean* (GFCM), iżda minn naħa l-oħra wieħed jirrikjedi aktar rispons mill-kooperattivi stess. Is-Sur Marco Carabott qal li din l-okkorrenza hija kemmxejn regolari, imma hemm barra huma iċken u għalhekk ma jistgħux jindirizzaw din il-problema b'mod effettiv. F'dan l-istadju t-talba għadha fil-livell ta' abbozz u b'hekk huwa meħtieġ rispons mill-kooperattivi peress li jistgħu jiddaħħlu xi suġġerimenti.

It-Tenent Kurunell James Grech qal li huma għandhom ġurisdizzjoni fi ħdan iż-żona ta' 25 mil. F' din iż-żona l-Forzi Armati ta' Malta għandhom mandat assolut. Fl-ibħra miftuħa (barra miż-żona ta' 25 mil) m'għandhomx id-dritt li jmorru abbord bastimenti li m'għandhomx il-bandiera Maltija pero' jistgħu jmorru abbord imorru abbord f'każ t' attakk ta' piraterija. Jekk ikun hemm bastiment tas-sorveljanza fuq il-baħar u jara attività irregolari barra ż-żona ta' 25 mil, il-Forza għandha tinnotifika lid-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura dwar din l-irregolarità u imbagħad d-Dipartiment għandu jirrapporta dan lid-Dipartiment tas-Sajd tal-pajjiż l-ieħor. Is-Sur Paul Piscopo stqarr li hemm konvenzjoni fejn potenzjalment wieħed jista juża, imma din mhix ċara. Staqsa jekk qattx kien kemm rapporti fir-rigward ta' dawn il-*persainers* minn naħa ta' Malta. Bastimenti tas-sorveljanza għandhom jiżguraw ukoll li l-bastimenti tas-sajd ikunu sikuri wkoll. Is-Sur Carabott qal li *persainers* Afrikani qed jaqbdu Tonn żgħir biex jintuża għall-ipproċessar tal-ikel. Litteralment, qed iwettqu massakru fil-baħar meta jsir qbid ta' ħut ta' daqs daqshekk żgħir li m'għandux ikun permess.

Is-Sur Paul Piscopo stqarr li l-kwoti mhux dejjem huma ġusti hekk kif dan jista' jiġi interpretat skont id-diskrezzjoni tal-Istati Membri. It-Taljani qed jagħmlu dikjarazzjonijiet foloz tal-qabdiet minħabba li fil-realtà saru ċerti qabdiet.

Proposta:

- Tinkludi bastiment tas-sorveljanza b' Uffiċjal għall-Protezzjoni tas-Sajd sabiex jagħmel rapporti xierqa matul l-istaġun tal-Lampuki;

- Tinnotifika lill-Kummissjoni li t-Taljani mhumiex qed isegwu r-regolamenti.

It-Tenent Kurunell James Grech qal li dan ma jkunx possibbli minħabba li r-riżorsi huma limitati u ż-żona li trid tkun koperta hija kbira. Barra minn hekk, dan joħloq kunflitt bejn il-pajjiżi. It-Tenent Kurunell qal li jekk bastiment ikun rrappurtat li qed jagħmel attivitajiet irregolari, dan għandu jiġi rrappurtat immedjatament. Barra minn hekk, jekk wieħed jinqabad jagħmel irregolarità fil-25 mil nawtiku, wieħed jistà jkompli jsegwih anke barra mill-ibħra.

Is-Sur Paul Piscopo qal li Malta tistà ġġib ukoll bastimenti li jkunu barra miż-żona ta' mil nawtiku, hekk kif ġara f'każ passat . It-Tenent Kurunell James Grech qal b'mod ċar li dan ma kienx legalment permissibli. Is-Sur Randall Caruana qal li dak iż-żmien ma' kienx jaħdem mad-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura u għalhekk ma kienx jaf id-dettalji tal-każ. Kien miftiehem bejn id-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura u l-Forza li każijiet bħal dawn għandhom jiġu diskussi bejn iż-żewġ entitajiet u mbagħad jingħata rispons fil-laqgħa li jmiss tal-Bord tas-Sajd.

Is-Sur Joe Demicoli qal li fil-passat saru rapporti u l-awtoritajiet naqsu milli jieħdu azzjoni immedjata sabiex jissalvagwardjaw is-sigurtà tal-bastimenti.

Is-Sur Paul Piscopo kompla jgħid li meta d-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura iwettaq spezzjonijiet fuq il-baħar, l-ispezzjonijiet isiru biss fuq bastimenti MFA u MFB. Ispezzjonijiet għandhom isiru fuq il-bastimenti kollha. Id-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura għandu jaġixxi immedjatament fuq tali rapporti, liema rapporti għandhom jiġu rrappurtati lid-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura u mhux lill-Forza.

Is-Sur Marco Carabott qal li darba ltaqà ma' ġaġġa tal-ħut li kienet maqtugħa laxka u tinġarr mal-kurrenti tal-baħar. Dan setà faċilment iwassal għal inċident serju ħafna.

Is-Sur Paul Piscopo talab jekk in-numri tal-gaġġeġ jistgħux jiġu inċiżi fuq l-arbli tal-azzar suwed. Huwa saħaq li l-operaturi qegħdin jibdlu n-numri tal-gaġġa meta jfettlilhom biex iqarrqu lid-Dipartiment meta jkun qed iwettaq l-kontrolli tiegħu.

Is-Sur Victor Bonello staqsa jekk il-gaġġeg kollha tat-Tonn jistgħux jiġu ttikkettati. Is-Sur Marco Carabott qal li jekk tmiss dan il-ħut, wieħed jkun qed iżid iċ-ċansijiet li dan imut.

Is-Sur Joe Demicoli qal li l-ħut prestiġjuż kollu għandu jkun ittikkettat biex tiġi żgurata t-traċċabilità. L-Uffiċjal għall-Protezzjoni tas-Sajd b'hekk jkun jista' jimmonitorja b' mod effettiv u tintraċċa dan il-ħut.

Is-Sur Joe Demicoli qal ukoll li s-sajjieda rreġistrati MFC għandhom jiġu mmonitorjati minħabba li r-regolamenti f'dan ir-rigward mhumiex infurzati. Dawn is-sajjied huma mgħammra b'tali mod li f'xi każijiet jisbqu lis-sajjieda professjonali, u f'xi każijiet jiksbu aktar ħut minn sajjieda professjonali.

Is-Sur Randall Caruana talab lis-Sur Joe Demicoli li jiddiskuti dan fil-livell tal-kooperattiva u mbagħad jipproponi abbozz dwar din il-proposta t' ittikkettar taċ-ċippa.

Dr J Carabott Damato qal li dwar il-kontroll u monitoragg fuq sajd rikreazzjonali d-Dipartiment ta' kontroll tas-Sajd, sitt snien ilu permezz ta' sottokumitat tal-Bord tas-Sajd kien hejja abbozz ta' regolamenti dwar sajd rikreazzjonali li kien iffirmat minn diversi entitajiet inkluzi l-kooperativi.

Dr Carabott sahaq li dawn ir-regolamenti kellhom jigu diskuss fil-Bord tas-Sajd haga li qatt ma' sehhet. Hu talab li dan l-abbozz jigi presentat fil-Bord u tittiehed decissjoni.

Dr Carabott D'Amato qal li s-sajjieda dilettanti u dawk professjonali għandhom jaħdmu flimkien u jħallu barra d-differenzi tagħhom. Wieħed għandu jinforza wkoll lid-dilettanti u jimponi multi għoljin għal dawk li jiksru l-liġijiet.

Is-Sur Martin Caruana qal li fil-bidu nett ġie diskuss li l-kontroll għandu jiġi minimizzat, iżda minn naħa l-oħra d-diskussjoni inbidlet li għandhom jiżdiedu l-kontrolli. Wieħed qal li r-regolamenti huma importanti ħafna u li s-sajjieda kollha għandhom jiġu mgħallma dawn il-liġijiet b'inklużjoni tal-funzjonijiet istituzzjonali. Għandu jkun hemm sistema fejn wieħed jistà jirrapporta b'mod

kunfidenzjali u imbagħad l-awtorijatiet konċernati jaġġixxu fuq il-messaġġ li jkun ġie rrapurtat. Is-Sur Caruana qal li l-awtoritajiet kollha għandhom ikunu aktar qrib is-sajjied u s-sajjieda għandhom jersqu eqreb lejn l-awtoritajiet. Il-kontroll huwa l-uniku fattur li jistà jgħin lis-sajjieda jibqgħu jeżistu. Qabel ikun hemm kooperazzjoni minn kulħadd, is-settur ħa jibqà fl-inċertezza. Huwa qal li ż-żewġ kooperattivi għandhom jingħaqdu u jsiru kooperattiva waħda sabiex jgħaddu l-messaġġ b'mod aktar effettiv. B'hekk wieħed għandu jgħaqqad ir-riżorsi kollha flimkien u jkun aktar effiċjenti. Jekk is-sajjieda jifhmu li r-rappreżentanti tagħhom huma tassew magħquda, huma imbagħad jkunu jistgħu jesprimu t-tħassib tagħhom minn pożizzjoni aktar effettiva. L-informazzjoni tistà tiġi mxerrda billi jsiru laqgħat bejn id-Dipartiment u l-kooperattivi u wara jiġi ċ-informazzjoni tistà tiġi mxer Wara dan wieħed għandu jipprova jibdel il-mentalità. Din hija kwistjoni ta' kunfidenzjalità u s-sur Caruana kompla d-diskors tiegħu u staqsa jekk is-sajjieda jħossuhomx komdi jirrappurtaw ċerti kwistjonijiet lid-dipartiment u li tali informazzjoni ma tiġix imxerrda. Dan il-fattur għandu jiġi ndirizzat b'effett immedjat. La darba s-sistema mhix ħa tkun verament riformata, wieħed qatt ma jistà jwettaq dan ir-rwol b'mod effettiv. Il-partijiet interessati kollha għandhom jitkellmu flimkien b'mod razzjonali u ma jippuntawx swabà lejn xulxin.

Is-Segretarju Permanenti (MESDC) qal li huwa perikoluż li wieħed jipprova jqassar it-test tal-leġiżlazzjoni formali. Is-Sur Martin Caruana qal li wieħed għandu jiffoka fuq prinċipji bażiċi u mhux fuq leġiżlazzjoni kumplessa. Is-Sur Randall Caruana qal li dawk interessati jistgħu jipproponu temi li jeħtieġu diskussjoni jew informazzjoni. Id-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura kien lest jikkunsidra li jqassam din l-informazzjoni kif propost. Is-Segretarju Permanenti (MESDC) qal li s-suġġetti kollha li kienu diskussi huma validi, iżda r-riżorsi finanzjarji huma limitati. Meta jsir l-infiq ta' flus, wieħed għandu jiżgura li nizjattivi bħal dawn huma ta' valur għall-flus. Il-qasam t' ilmenti jew rapporti anonimi huwa perikoluż ħafna, peress li mhux ir-rapporti kollha jistgħu jkunu veri. Jekk jiġi skjerat bastiment tal-Forza dan jirriżulta f' aktar spejjeż.

Is-Sur Carabott qal li r-rapporti m'għandhomx ikunu anonimi u dawk li jresqu talba għandhom ikunu responsabbli għal dak li qed jiddikjaraw. It-Tenent Kurunell James Grech qal li l-Forza qed tiġi regolarment żgwidata biex b'hekk il-bastiment tas-sorveljanza fuq il-baħar jiġi skjerat f'żona u b'hekk tingħata l-possibbiltà li wieħed jagħmel attivitajiet irregolari f'żona oħra. Għalhekk, meta jiġu skjerati dawn ir-riżorsi wieħed għandu jiżen liema ċirkostanzi għandhom jieħdu prijorità.

Is-Sur Paul Piscopo qal li ż-żewġ kooperattivi jiltaqgħu u jiddiskutu regolarment flimkien. Fil-laqgħa tal-*Mediterranean Advisory Council* (MEDAC) is-Sur Paul Piscopo stipula li l-*European*

*Fisheries Control Agency* (EFCA) staqrriet li l-fatti statistiċi ma kinux konklużivi u għalhekk irrakkomandat li dan ir-rapport ma jiġix sottomess lill-Kummissjoni. Jekk sajjied jixtieq ikun jaf x'hemm fir-regolament, il-koperattivi huma lesti li jispjegawlu r-regolament. Is-Sur Piscopo qal li d-Dipartiment tas-Sajd għandu wkoll jipprovdi sessjonijiet / kors lill-kaptana tal-bastimenti li jitrattaw dwar x'inhuma r-regolamenti. Is-Sur Piscopo kompa id-diskors tiegħu u qal li d-Dipartiment għandu joħloq sillabu u jeduka lis-sajjieda f'diversi livelli.

Kemm is-Segretarju Permanenti (MESDC) kif ukoll is-Sur Joe Demicoli tennew u qablu li huwa d-dmir ta' kull wieħed li jkun jaf bil-liġijiet applikabbli u bir-regolamenti.

Il-laqgħa spiċċat fil-11.15 ta' filgħodu.

| | |
|---|---|
| Sur Randall Caruana | Sur Dennis Calleja |
| President | Segretarju tal-Bord |

**Minuti approvati fl-1 ta' Novembru, 2019.**